MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Numru. 1279/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**KEVIN CUTAJAR ta' 34 sena, iben Anthony u Mary Grace nee' Mizzi, imwieled Tal-Pieta' nhar is-6 ta' Ottubru, 1977, residenti fil-fond Flat 2, Joiner's Flats, Cardinal Street, Vittoriosa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 490777M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Kevin Cutajar** li gie akkuzat talli f'Misrah Mifsud Bonnici, Marsascala, nhar il-Hadd, 3 ta' Dicembru, 2006, ghall-habta ta' xis-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ ferita ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Francis Cassar minn Marsascala, Debora Richard, ommha Carmen Richard, u missierha Carmelo Richard, u t-tfal taghha Kevlin ta’ disa’ snin u Abigail ta’ sitt snin, ilkoll minn Bormla, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi rriversja l-vettura tieghu ta’ l-ghamla Escort Mk II ta’ lewn blu, bin-numru tar-registrazzjoni LAN082 fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

2. U aktar talli hedded lill-imsemmi Francis Cassar, Debora Richard, Carmen u Carmelo Richard, li jispara fuqhom;

3. U aktar talli saq il-vettura tal-ghamla Escort Mk II ta’ lewn blu, bin-numru tar-registrazzjoni LAN082 b’manjiera perikoluza, traskurata, u bla kont;

4. U aktar talli saq l-istess vettura b’giri aktar milli jmissu;

5. U aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied jew b’mod iehor.

Rat illi moqrija l-istess, l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi, kif ukoll li ma kellux ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. F’dan ir-rigward rat ukoll il-kunsens mibghut minghand l-Avukat Generali.

Rat il-provi kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat:

Illi l-ewwel ma xehed kien Francis Cassar li spjega lill-Qorti li waqt li hu, flimkien ma’ certa Deborah Richard u wliedha, ukoll ulied l-imputat, u l-genituri ta’ l-istesss Richrad, kienu qeghdin jieklu barra ghand Grabiel, waqaf fuq il-lights l-imputat. Qal li precedentement hu, flimkien

ma’ certu Dorianne Felice kienu bhala koppja johorgu ma’ l-imputat u din Richard, pero mbaghad kien qabad lil din Dorianne ma’ l-imputat. Kien ghalhekk li wara hu kien spicca ma’ din Richard. Kompla allura li l-imputat waqaf fuq il-lights u beda joffendih u jkellmu hazin. Xehed illi beda jghajjru kurnut, muqran u affarijiet hekk. Anke beda jheddu li kien ser itajjarlu rasu, u cioe’ joqtlu. Qal illi meta qalbu l-lights tefa’ mal-gemb, fejn Grabiel ghandu rampa qieha. Skond ix-xhud issa Cutajar anke beda jirriversja fuq it-tfal, anke heddu li jtajjarlu rasu b’turnavit li anke beda jurih. Kien hawn li x-xhud mar fuq il-karozza ta’ l-imputat, u skondtu biex jgerxu talli kien qed jirreversja fuq it-tfal, ta daqqiet ta’ sieq ma’ l-Escort ta’ l-imputat. Qal illi telghu l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar jaghmlu rapport, u hemm regghu sabu lilu. Hawn rega’ nqala’ t-tilwim bejniethom, tant illi minn gewwa l-Ghassa sema’ lil Deberoh tghajjat biex ihallulha xagharha.

Deborah Richard xehdet ukoll illi kienu qeghdin jieklu u li waqaf fuq il-lights l-imputat. Rat idu barra mit-tieqa b’turnavit u jghid “B’dan noqtlok Francis!” Hi minn naha taghha bdiet taghajjar lill-imputat halliel ta’ uliedu. Qalet illi kif bdiet tghajjru hekk, hu qabad il-karozza u dahal ghalihom bir-reverse, dan ghal tliet darbiet. Qalet li fil-pront Francis beda jkeccieh u anke beda jaghti daqqiet fuq il-karozza. Marru l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar jaghmlu rapport fuq dan l-incident.

Xehdet anke l-omm Carmen Richard. Ikkonfermat illi kull nhar ta’ Hadd huma jmorru jieklu ghand Grabiel, hi, zewgha, bintha Deborah, il-partner taghha Frans Cassar u t-tfal ta’ bintha. Qalet li kull nhar ta’ Hadd dan kien isegwihom, ghalhekk ratu fuq il-lights il-homor. Dan dejjem b’referenza ghall-imputat. Hareg turnavit, beda joffendi lil Frans u jghidlu li kien ser joqtlu. Xehdet bhall-ohrajn li qamu biex jhaliversa ghal go fihom, tant li t-tfal, allura ta’ l-istess imputat, twerwru. Xehdet li rriversja tliet darbiet zgur. Xehdet li Frans biex jiddifendihom mar u tah daqqtejn mall-karozza. Qalet li wara dan rega’ rriversja ghal tliet darbiet u telaq jigri.

Gie esebit ukoll il-PIRS report mill-Maggur Jesmond Delia ta’ l-incidenti li nqalghu. Jinghad li hawn jirrizulta li Frans Cassar irraporta l-incident fejn allegatament Cutajar irriversa fuqhom, pero f’dan ir-rapport qatt ma ssemmew t-tfal. (folio 82).

Ghalhekk mid-Difiza ttellghet tixhed WPS 40 Isabellla Camilleri dwar rapport li mar jaghmel Kevin Cutajar gewwa l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar. Ma kellhiex impressjoni li hi rat xi tfal

Xehed ukoll Kevin Cutajar, l-imputat. Qal li hu flimkien ma’ Dorianne Felice kien ghaddej minn Wied il-Ghajn, u hemm kellu jieqaf fuq il-lights. Qablu kellu tliet karozzi. Kien hawn li avvicinah Frans u qallu li hu ma setax jersaq lejn Wied il-Ghajn, dan nonostante li l-istess imputat hemm jirresjedi. Xehed li anke ta daqqtejn lill-karozza, anke dahhal idu fil-karozza ghalih u anke gew niesu. Dak il-hin qal li hu saq lejn l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar, cioe’ l-ewwel Ghassa li sab. Xehed ukoll li Frans hareg minn Grabiel ghax ra lil Dorianne Felice. Xehed li ghand Grabiel kienu Frans Cassar, Deborah Richard, Charlie Richard u Carmen Richard. Qal ukoll li hu hemm ma rax tfal. Qal ukoll li kien Frans li lilu aggredih.

In kontro ezami nnega li hu saq fid-direzzjoni taghhom, qal li hu biss saq dritt lejn l-Ghassa. Ikkonferma li hu kien joqghod Wied il-Ghajn u li Frans kien imqabbad mieghu ghax Dorianne li kienet ilha ma’ Frans tlettax-il sena, issa kienet qed tohrog mieghu.

Ghalhekk in difesa telghet tixhed ukoll Dorianne Felice. Ikkonfermat li kellha relazzjoni ma’ l-imputat u li qabel kienet tghix ma’ Frans, u minnu kellha zewgt itfal. Xehdet li ghalkemm ir-relazzjoni taghha ma’ Frans kienet ilha li spiccat hames snin, dan Frans baqa’ m’accettahx, tant li baqa’ jigri warajha, jheddidha, baqa’ mqabbad maghha tant anke li taha xebgha. Dwar l-incident ta’ Grabiel, anke hi qalet li waqfu fuq il-lights b’xi zewg karozzi quddiemhom. Minn Grabiel hareg Frans li mar hdejn it-tieqa ta’ Kevin u qallu li ma kienx suppost jersaq lejn Wied

il-Ghajn. Qallhom li la kien hemm uliedu, allura anke ulied ix-xhud, ma setghux jersqu lejn Wied il-Ghajn. Qalulu li kienu ser jmorru lejn l-Ghassa. Xehdet li kien hawn li harget l-partner li ghandu issa Frans, li qabel kienet ma' Kevin, u ommha u bdew jghajjruha. Qalet li kien missier Deborah li ta bis-sieq il-vettura ta' l-imputat. Huma skondtha marru sparati lejn l-Ghassa. Anke hawn inqala' l-glied bejniethom, tant li lilha anke qabduha minn rasha, nizzluha ma' l-art u bdew jaghtuha fuq darha.

In kontro ezami kkonfermat li darba li kienu Wied il-Ghajn, huma dejjem baqghu fil-karozza. Innegat li xi hadd saq fuq xi hadd, qalet li kieku kienu jkissru l-karrozzi.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat :

Illi certamnet il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ta' min aggredixxa lil min. Hemm kwistjoni wkoll ta' presenza ta' tfal li minn naha jghidu li l-imputat beda jirriversja fuqhom, minn naha l-ohra l-istess imputat jghid li hu qatt ma ra tfal, kif del resto kellha l-impressjoni s-Surgent li xehdet. Ghandu jinghad ukoll li omm it-tfal ukoll kienet fil-karozza ma' l-imputat, din ma tghidx li rat lill-istess uliedha.

Jirrizulta ben car li hemm konflitt serju ta' provi u li ghalhekk din il-Qorti qatt ma tista' tasal ghal konvinciment morali ta' htija. Dunque qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------